TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 123/19/B

Jennifer Elmer

Vs

Kencar Co. Ltd

Illum, 27 t'Awwissu, 2021

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-11 ta' Settembru, 2019 li permezz tieghu talbet rifuzjoni tal-depozitu imhallas fl-ammont ta' mitejn Euro (€200) rraprezentanti prezz ta' airconditioner units u l-prezz imhallas fl-ammont ta' mitt Euro (€100) rapprezentanti prezz ta' irtokk ta' *silicato* fil-faccata ta' blokka appartamenti;

Ra illi s-socjeta' intimata intavolat ir-risposta taghha bil-miktub ghal din it-talba u attenda is-seduti quddiem it-Tribunal fejn sostna li minkejja li huwa offra lir-rikorrenti li jirranga s-sitwazzjoni billi jaghmlilha x-xoghol addizzjonali li xtaqet bi prezz skontat, peress li huwa ma jistax jerfa' l-ispejjez wahdu ghal xoghol addizzjonali, dir-rikorrenti ghazlet li tirrikorri ghal dan l-Onorabbli Tribunal.

Ra l-Atti tal-process;

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Jennifer Elmer, illi tibda din ix-xhieda billi tghid kif hija kienet marret ghand is-socjeta' intimata biex tordna zewg airconditioners u li peress li fl-appartament kien ghadu ghaddej xi xoghol, ghalissa kellhom biss jghaddulha l-copper wire tal-istess airconditioners. Hija tghid kif dakinhar hallset €200 bhala depozitu fuq il-units. Ir-rikorrenti ssostni li minkejja li fuq il-kuntratt kellha miktub li 4 metri *copper wire* kienu jkunu bizzejjed, hija xorta wahda kellha thallas tlett mija u sittin Euro (€360) ghal copper wire addizzjonali, liema ammont nofsu thallas b'*cheque* lill-haddiem, u prova ta dan mmarkatha bhala Dok C, u li n-nofs l-iehor thallas *cash*. Ir-rikorrenti tghid li peress li l-haddiema huma ta' esperjenza f'dan ix-xoghol, kellhom ikunu huma li jiddeciedu kif l-ahjar jghaddu dawn il-*copper wires* u li hija ftehmet maghhom biss rigward il-post li kellhom jitpoggew il-units u l-kumpressur. Minkejja dan, il-wires imsemmija thallew mdendla mal-faccata. Waqt ix-xhieda, r-rikorrenta tipprezenta diversi dokumenti li jinkludu l-leaflet tas-socjeta intimata tal-airconditioners li kienet ordnat li jinkludu 4 metri copper wire, liema prova mmarkatha bhal Dok A, l-invoice tal-istess airconditioners, liema prova mmarkatha bhala Dok B, fejn turi li r-rikorrenti hallset l-ammont ta' €200 bhala depozitu fuq il-units. Liema invoice turi

wkoll li r-rikorrenti kellha bzonn 15 -il metru addizzjonali ta' copper wiring li huma eskluzi mill-prezz ta elf tlett mija u sebghin Euro (€1370) u li l-ahhar prezz jinkludi l-prezz tad-delivery, 2 units, installazzjoni, 4 metri copper wire u l-VAT. Hija tipprezentha wkoll il-prova mmarkatha bhala Dok C li hija kopja tal-mamma tac-*cheque* mhalls lill-haddiem bhala nofs il-prezz rapprezentanti ghall-*copper wiring* zejjed u kif ukoll prova mmarkatha bhala Dok D li turi ritratt tal-faccata bil-*copper wiring* hekk kkontestat mir-rikorrenti. Hija tghid li wara li tlesta x-xoghol mis-socjeta intimata, t-Turnkey kompla b'xogholu u meta l-project manager, responsabbli ghall-finishing ta' xi units, staqsiha r-raguni ghaliex il-copper wiring thalla mdendel, l-istess rikorrenti wiegbet li kellha hsieb taghmel trunking, liema trunking skond il-project manager, ma kienx permess. Filfatt kien hawn li r-rikorrenti ghamlet kuntatt mal-Awtorita' tad-Djar u staqsiet kienx permess isir trunking ma' tul il-faccata kollha, liema Awtorita' qaltilha li ma kienx permess. Ghaldaqstant minhabba l-biza' esperjenzatha mill-istess rikorrenta li ha taghmel hsara fuq gewwa tal-appartament, hija ghamlet kuntatt mas-socjeta' intimata fejn ilmentat mix-xoghol hekk maghmul mill-istess socjeta' intimata, liema komunikazzjoni hija prova mmarkatha bhala Dok E, fejn hija giet offrutha mis-socjeta intimata li ssir trinka fejn jidhlu l-wires izda liema trinka kellha thallas ghalija, li huma ma jerfghu l-ebda responsabilita f'kaz li ssir xi hsara fil-faccata u li l-prezz ma jinkludiex il-prezz tac-cherry picker, f'kaz li jkun hemm bzonn tal-istess cherry picker. Ir-rikorrenti taghlaq din ix-xhieda billi tesprimi l-hsieb taghha li peress li l-faccata tal-blokka tal-appartamenti kienet miksija b'materjal maghruf bhala *silicato*, kull irtokk li sir fuq il-faccata kien ser jibqa' mmarkat. Minkejja dan, ir-rikorrenti wara li ghadda z-zmien, kellha tqabbad kumpanija ohra ghall-install tal-units u l-irrangar tal-copper wire u l-irtokk fejn kien hemm imtaqqab. Ghaldaqstant hija qieghda titlob lura €200 mhallsa depozitu kif ukoll €100 ghat-tkahhil tat-trinka.

Semgha x-xhieda tas-socjeta' intimata Kencar Co. Ltd, irraprezentatha minn Sandro Fava, li jibda din ix-xhieda billi jispjega li meta r-rikorrenti marret ghand is-socjeta' intimata sbiex tordna xi airconditioners, hija qalet lis-sales person li l-pajpijiet kienu kollha johorgu l-barra mill-faccata. Fi prova mmarkatha bhala Dok K1, liema prova giet ipprezentatha mill-intimat, juri l-faccata tal-blokka appartamenti kkoncernata u l-intimat jghid kif ir-rikorrenti talbet li jsir trunking bhal ta' appartment iehor, liema trunking huwa mmarkat f'Dok K1. Huwa jghid kif kien ghalhekk, li bhalma wiehed jista jinnota fir-ritratti, mmarkati bhala provi Dok K2, Dok K3 u Dok K4, il-wires thallew imdendla. L-intimat jissokta billi jkompli jghid li r-rikorrenta kellha tiddeciedi jekk l-istess trunking kienx se jsir mis-socjeta' intimata jew inkellha minnha stess. Huwa jghid li kien biss wara 4 xhur minn din l-installazzjoni li r-rikorrenti kkuntatjat lis-socjeta' intimata tikkontesta l-mod li bih sar ix-xoghol u ghaldaqstant l-intimat jghid kif offra skont ta' 22% fuq ix-xoghol li xtaqet, hekk kif kkonfermat fil-prova mmarkatha Dok K6. L-intimat jghid li ix-xogholijiet li talbet ir-rikorrenti xorta wahda kellhom isiru jew qabel l-installar tal-units inkellha wara u li l-unika flus addizzjonali li kien se jkollha thallas ir-rikorrenti kien it-tkahhil tal-faccata. Huwa jaghlaq din ix-xhieda li minkejja li kellhom rati aktar vantagjuzi minn ta' kumpaniji ohra simili, ir-rikorrenti ghazlet li tkompli x-xoghol ma' kumpanija ohra.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Jennifer Elmer, mghotija f'seduta ohra, f'liema xhieda r-rikorrenti tghid li bhalma anticipat fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2019, hija pprezentat diversi dokumenti ohra, mmarkati bhala Dok JE1, Dok JE2, Dok JE3 u Dok JE4, li huma kollha relatati ma' ordni ta' zewg airconditioners mill-kumpanija Cassar Airconditioning Systems Ltd. Hija taghlaq din ix-xhieda billi tghid li fis-seduta li jmiss hija kellha xi domandi x'taghmel lir-rapprezentant tas-socjeta' intimata, s-sur Sandro Fava.

Semgha kif fis-seduta tat-3 ta' Mejju l-partijiet ma kienx fadlilhom aktar provi xi jressqu.

Ra d-Dokumenti esebiti mir-rikorrenti bhala leaflet tas-socjeta intimata tal-airconditioners li kienet ordnat li jinkludu 4 metri copper wire, liema prova mmarkatha bhal Dok A, l-invoice tal-istess airconditioners, liema prova mmarkatha bhala Dok B, fejn turi li r-rikorrenti hallset l-ammont ta' €200 bhala depozitu. Liema invoice turi wkoll li r-rikorrenti kellha bzonn 15 -il metru addizzjonali ta' copper wiring li huma eskluzi mill-prezz ta elf tlett mija u sebghin Euro (€1370) u li l-ahhar prezz jinkludi l-prezz tad-delivery, 2 units, installazzjoni, 4 metri copper wire u l-VAT. Hija pprezentat wkoll il-prova mmarkatha bhala Dok C li hija kopja tal-mamma tac-*cheque* mhalls lill-haddiem bhala nofs il-prezz rapprezentanti ghall-*copper wiring* zejjed u kif ukoll prova mmarkatha bhala Dok D li turi ritratt tal-faccata bil-*copper wiring* hekk kkontestat mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti pprezentat ukoll Dok JE1 li jinkludi quotation ta' airconditioners minghand Cassar Airconditioning System, Dok JE2 li huma xhieda ta' glas tal-imsemmijjin airconditioners f'Dok JE1, Dok JE3 li tirreferi ghall-jobcard u Dok JE4 li jesebixxi l-istess jobscard izda li jinkludi l-annotamenti ta' min ghamel ix-xoghol.

Ra d-Dokumenti esebiti mis-socjeta' intimata li jinkludi Dok K1 li juri ritratt tal-blokka appartamenti ikkoncernatha u li fuq dan ir-ritratt hemm immarkat trunking ta' appartament iehor u li r-rikorrenti talbet li sir bhalu, Dok K2, K3 u K4 juru ritratti tax-xoghol li sar mis-socjeta' intimata bil-wires imdendla u Dok K6 li huwa prova ta' korrispondenza b'email bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata.

Ikkunsidra:

Illi fis-27 ta' Marzu tas-sena 2019, ir-rikorrenti xtrat 2 airconditioners minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' elf tlett mija u sebghin Euro (€ 1370), liema prezz kien jinkludi d-delivery, l-installazzjoni, 4 metri copper wire u kif ukoll il-VAT u li liema prezz kien imhallas biss depozitu ta €200;

Illi apparti il-prezz ta' elf tlett mija u sebghin Euro (€1370) u bhalma juri bic-car Dok B, ir-rikorrenti kellha bzonn 15 -il metru *copper wire* addizzjonali, liema wire ammonta ghal prezz ta' tlett mija u sittin Euro (€360) u liema ammont thallas nofs *b'cheque* bhalma huwa muri f' Dok C u l-kumplament *cash;*

Illi s-socjeta intimata kulma lestiet kien l-installazzjoni tal-copper wire minhabba li fl-appartament tar-rikorrenti kien ghaddej xi xoghol iehor;

Illi ghalkemm ir-rikorrenti kellha l-hsieb li tghatti l-wiring maghmul mis-socjeta' intimata bi trunking, tant li meta nghadda l-copper wire, l-istess wire thalla mdendel sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tiddeciedi kienux ha jaghmlulha t-trunking is-socjeta intimata jew inkellha tamghmlux hi, kien biss meta l-project manager responsabbli mill-finishing tal-units staqsa rigward l-istat tal-wires, li r-rikorrenta qaltlu bil-hsieb li tghatti l-istess wires bi trunking u li l-project manager qalilha li dan ma kienx permess skond il-ligi;

Illi kien biss wara li r-rikorrenti kkonfermat mal-Awtorita' tal-Ippjanar jekk it-trunking mal-faccata setghax isir u l-Awtorita wegbitha li ma setghax, li r-rikorrenti kkuntatjat lis-socjeta' intimata tilmenta mix-xoghol hekk maghmul mill-istess socjeta';

Illi dan hu kkonfermat mid-dati murija cari f'sensiela ta' emails bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata li jaghmlu parti minn Dok E fejn wiehed jista jinnota li ghalkemm l-airconditioners inxtraw mir-rikorrenti f'Marzu tal-2019 , l-ilmentar mix-xoghol ts-socjeta' intimata beda f'Gunju tal-istess sena 2019;

Illi minkejja li s-socjeta' intimata offriet li tirranga s-sitwazzjoni billi taghmel xoghol ta' chasing liema xoghol la kien inkluz fil-prezz totali u lanqas ma talbitu r-rikorrenti, li normalment jiswa ghoxrin Euro il-metru (€20) u li minkejja dan is-socjeta' intimata kienet lesta taghti lir-rikorrenti skont ta 22%, izda r-rikorrenti ghazlet li tipprocedi b'dan l-Onorabbli Tribunal.

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kola esebiti ma ghandux dubbju illi l-verzjoni tas-socjeta intimata hija verosimili u ghalhekk haqqa tini milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati billi jichad t-talba tar-rikorrenti u jilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra r-rikorrenti.

Avv. Paul Borg
Arbitru